# L-Iżvilupp tal-Lingwa fit-Tfal mit-Twelid sa 5 Snin

L-ewwel ftit snin fil-ħajja ta' kull tifel u tifla huwa żmien ta' żvilupp instensiv kemm fil-ġisem kif ukoll fil-moħħ. Il-lingwa ukoll tiżviluppa f'dawn l-ewwel snin.

**0 - 3 xhur**

It-tfal ma jitwildux jitkellmu u għall-bidu ma jkunux jifhmu dak li tgħidilhom, pero' anki tarbija tat-twelid tkun qed tisma' dak kollu li jkun għaddej madwarha, tant li t-tfal jieħdu qata' jekk ikun hemm xi ħoss qawwi li ma jkunux qed jistennewh. Sakemm tagħlaq 3 xhur tarbija tkun kapaċi tagħraf l-ilħna u l-vuċijiet mill-ħsejjes kollha l-oħrajn li tisma'. Tfal ta' din l-eta' jibdew anki iduru lejn l-ilħna tal-ġenituri tagħhom, u jikkalmaw meta' tkellimhom b'mod kalm. Żgur tinnutaw ukoll li t-trabi jkollhom bikjiet differenti skond jekk għandhomx il-ġuħ, jew jekk iridukx terfagħhom jew ikunu miġugħa.

**4 - 6 xhur**

Waħda mill-ewwel kliem li t-tfal jibdew jifhmu hija l-kelma "le". Sakemm ikollhom 4 jew 6 xhur jibdew jagħtu ħafna kas tat-ton li l-adulti jużaw biex jitkellmu, u jkunu jafu intix qed tifraħ bihom jew tirrabja magħhom. Jibdew ukoll jifirħu bil-ġugarelli li jagħmlu l-ħsejjes, u meta' jisimhu ħoss ġdid jieqfu biex jisimgħuh aħjar. Ta' din l-eta' it-tarbija tibda tgedwed ħafna, tant li tkun tinstema' bħallikieku qed titkellem. Il-ħsejjes /p/, /b/, u /m/ ikunu ġa qed jinstemgħu ċari.

**7 - 12 xhur**

L-eta' ta' bejn 7 xhur u sena huwa żmien eċitanti fl-iżvilupp tal-lingwa tat-tfal, għax jibdew juruk iktar u iktar li qed jisimgħuk meta' tkellimhom, iħarsu lejk meta' tgħajtilhom b'isimhom u jieħdu pjaċir b'logħob sempliċi bħal "Peep po", "Dgħajsa bettija", u "*Round and round the garden*". Ikun bejn wieħed u ieħor lejn dawn l-etajiet ukoll li tibda tinduna li t-tfal ikunu qed jgħarfu ċerta ismijiet ta' affarijiet komuni jew ta' nies importanti għalihom, bħal *karozza, pupa, qattus, Nanna* u ohrajn. It-tfal ta' din l-eta' jibdew ukoll jużaw ħafna kliem li ma jinftiehemx mill-adult, pero' dan ikun differenti mit-tgedwid tat-trabi għax issa jibdew jużaw iktar konsonanti u vokali qosra. Jibdew jgħidu l-ewwel kelmiet ukoll!

**1 – 2 snin**

Minn sena sa sentejn it-tfal jibdew jippuntaw lejn stampi ta' l-affarijiet fil-kotba meta ssemmihom, u anki lejn xi partijiet tal-ġisem bħal *għajnejn* u *imnieħer*. Jibdew ukoll jifhmu kmand sempliċi bħal "tini l-pupu", jew anki mistoqsijiet semplici, bħal "fejn hi l-karozza?". Ikunu jħobbu jisimgħu stejjer qosra u 'rhymes' bhal *Baa baa black sheep* u *Twinkle twinkle little star*. It-tfal kollha jħobbu jisimgħu l-istess ħaġa rrepetuta ħafna drabi! Jibdew jgħidu iktar u iktar kliem ma' kull xhar li jgħaddi u l-konsonanti fil-bidu tal-kliem jibdew jinstemgħu iktar ċari.

**2 - 3 snin**

Sa sentejn it-tfal ikunu jgħidu bħal qisu 50 kelma u ftit wara jibdew anki jgħaqqdu żewġ kelmiet flimkien, eżempju "Le ħobż" jew "Waqa' bottle!". Sa 3 snin jibdew jgħaqqdu anki 3 kliem flimkien, eżempju "mama mur nanna". Bejn sentejn u 3 snin jibdew jifhmu aġġettivi kontra xulxin, bħal *kbir/ żgħir, nadif/ maħmuġ, mimli/ vojt*.

**3 – 4 snin**

Is-sentenzi jibdew jitwalu anki iktar issa għax it-tfal jibdew jgħaqqdu 4 kelmiet flimkien, jew anki iktar. Jibdew jitkellmu dwar affarijiet li ġraw l-iskola, jew meta' ħarġu man-nanniet, jew dwar tfal

oħra sħabhom. Sakemm ikunu għalqu 4 snin it-tfal ikunu qed jitkellmu ħafna iktar ċar u nies oħra li ma jkunux jafuhom sew ukoll ikunu jistgħu jifhmu ħafna minn dak li jkunu qed jgħidu. Ir-/r/ hija waħda mill-aħħar ħsejjes li jiżviluppaw, is-soltu sa 4 snin jew anki ftit iktar iddum. Mhux it-tfal kollha jgħaddu minn fażi ta' temtim f'dawn l-etajiet, pero' kultant tiġri imbagħad joħorġu minnha waħedhom.

**4 – 5 snin**

S'issa it-tfal ikunu jifhmu kważi kollox li tgħidilhom. Ikunu jieħdu pjaċir jisimgħu l-istejjer, u jkunu kapaċi jirrispondu mistoqsijiet sempliċi dwarhom. Ikunu tgħallmu jitkellmu ċar, u b'sentenzi twal u ddettaljati, per eżempju "Morna l-baħar imma kellna mmorru d-dar kmieni għax il-mummy kienet marida". Ikunu kapaċi jżommu mas-suġġett huma u jirrakkontaw storja twila. Sa 5 snin it-tfal ikunu jiftiehmu f'kollox meta jitkellmu u l-ħsejjes kollha jkunu ċari ħafna.

Jekk bħala ġenituri tinnutaw li t-tfal tagħkom mhux qed jifhmu jew jitkellmu biżżejed għall-eta' tagħhom, jew jekk ikollkom xi mistoqsijiet li tridu tiċċaraw, tistgħu tikkuntattjaw l-*iSpeech Language Department* fuq 21230822 biex tagħmlu appuntament ma' *Speech Language Pathologist* fil-lokali tagħkom. Il-website tad-Dipartiment tinsab fuq www.speechlanguage.gov.mt

Edwina Gouder
Senior Speech Language Pathologist
Lulju 2010